MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 94/2008

Carmela Galea armla ta’ Angelo u Peter Paul Galea li qed jidher fuq il-prezenti kemm f’ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappreżentanza ta’ hutu Susanna mart Laurence Cassar, Dimitri Galea u Rita mart John Cassar

Vs

Raymond Galea, Mario Galea, Josephine Grima, Marianna Galea, Victoria Axiaq, Judith Azzopardi u b’digriet tas-27 ta’ Ottubru 2008 gie nominat kuratur deputat biex jidher ghall-imsiefer Joseph Galea.

Il-Qorti;

1. Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-gid komuni. L-attrici Carmela Galea kienet mizzewwga lil Angelo Galea, missier il-kontendenti l-ohra, li miet fit-22 ta’ Mejju 1979. Hu rregola s-successjoni tieghu permezz ta’ testment *unica charta* li sar fit-2 ta’ Marzu 1977 fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi. Permezz

tat-testment hu halla lil martu l-uzufrutt ta' gidu u ma nnominax eredi. Bejn il-kontendenti m'hemmx kontestazzjoni li l-werrieta tieghu huma wliedu, Peter Paul Galea, Susanna Cassar, Dimitri Galea, Rita Cassar, Raymond Galea, Mario Galea, Josephine Grima, Marianna Galea, Victoria Axiaq, Judith Azzopardi u Joseph Galea.

2. F'dan l-istadju ser tinghata sentenza parzjali dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti (fol. 36): ***"Preliminarjament illi l-wirt imholli mid-decujus Angelo Galea huwa soggett ghall-uzufrutt a favur l-attrici Carmela Galea u ghalhekk ma jistax jigi diviz bejn il-kontendenti sakemm ghadu jissussisti l-uzufrutt a favur l-imsemmija Carmela Galea. L-iskop ta' divizjoni huwa li kull ko proprjetarju jiehu sehemu in piena proprieta' u tgawdija."***.

3. Jibda biex jinghad li d-divizjoni hi mezz kif issir ix-xoljiment tal-komunjoni. Ghall-finijiet tal-qasma hemm il-htiega li kull wiehed mill-kondividenti jkun parti fil-kawza; *"La legge considera pero' con un certo sfavore il vincolo della comunione, che reputa causa di dissidi ed economicamente pregiudizievole alla produttivita' dei beni per cui, come si e' visto, i partecipanti non possono essere costretti a rimanere in comunione......"* (*Novissimo Digesto Italiano*, Utet (1957) Vol. VI p. 42). Skond l-Artikolu 489 tal-Kodici Civili hemm il-komunjoni tal-beni *".....meta l-proprjeta' ta' l-istess haga wahda, jew ta' l-istess jedd wiehed, hija ta' zewg persuni jew izjed pro indiviso."*. Imbaghad skond l-Artikolu 496:

*"Hadd ma' jista' jkun imgieghel jibqa' fil-komunjoni, kull wiehed mill-komproprjetarji jista' dejjem, ghad li jkun hemm ftehim xort'ohra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'ghandhiex issir jew li ghandha tinzamm sospiza skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 906."*.

M'hemm xejn fil-ligi li tipprojbixxi li ssir il-qasma f'kaz li hemm xi jedd ta' uzufrutt fuq xi sehem. Il-fatt li n-nuda

proprjetarju jista' ma jkollux il-godiment minhabba li dan qieghed ghand l-uzufruttwarju, b'daqshekk ma jfissirx li ma tistax issir id-divizjoni; *"il nudo proprietario puo' promouovere tutte le azioni concernanti la nuda proprieta' senza il concorso dell'usufruttuario. Se la domanda interessa esclusivamente la nuda proprieta', l'usufruttuario non ha nepppure il diritto d'intervenire nell'istanza….. **I nudi proprietari hanno altresi' l'azione di divisione**; essi possono dividere l'eredita' senza il concorso dell'usufruttuario."* (*Principii di Diritto Civile*, F. Laurent, Volum VII (1883) pagna 33). Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan l-insenjament m'ghandux japplika wkoll fic-cirkostanzi tal-kaz taghna, fejn:-

a. L-attrici Carmela Galea qeghda titlob li ssir il-likwidazzjoni tal-gid li kellha komuni ma' zewgha u tigi assenjata sehemha. Il-fatt li Carmela Galea ghandha l-uzufruttt fuq il-beni li jifformaw parti mill-eredita' ta' zewgha, ma jfissirx li m'ghandix jedd titlob li jinqasam il-gid. L-uzufrutt m'ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq din it-talba. Jekk wiehed kellu jaccetta t-tezi tal-konvenuti ikun ifisser li l-attrici ma tistax tiehu sehemha mill-beni komuni, sakemm ma tirrinunzjax ghall-uzufrutt. Fehma li din il-qorti m'hijiex disposta li tabbracja[1].

b. Uhud mill-ulied huma wkoll atturi u qeghdin jitolbu li ssir il-qasma tal-wirt ta' Angelo Galea. Skond l-Artikolu 906 tal-Kodici Civili: ***"Tista' dejjem tintalab il-qasma tal-wirt, ghalkemm it-testatur ikun ipprojbiha."***. Jekk wiehed kellu jaqbel mat-tezi tal-konvenuti li ma tistax issir il-qasma tal-wirt diment li ghadu fis-sehh l-uzufrutt imholli mit-testatur, ikun ifisser li t-testatur ikun jista' facilment

[1] Fil-kawza **Avvocato Dr Alessandro Claudio Debono vs Avvocato Dr Giovanni Adami** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 1921 (Vol. XXIV.ii.263) gie osservat: *".....la circostanza che l'usufrutto traga la sua origine da un testamento non priva coloro che se ne trovano gratificati di provocare la divisione delle cose cadenti nell'usufrutto medesimo, od altrimenti la licitazione delle cose medesime."*. F'din l-istess kawza l-qorti esprimit il-fehma wkoll li *"Ma se l'usufrutto appartenga ad uno o piu' coeredi, questi riunendo le due qualita' di usufruttuari e della proprieta', possono provocare la vendita dell'usufrutto e della proprieta'. Cosi il Pacifi Mazzoni. Trattato delle successioni Vol. VI. Seconda Ediz. Pag. 251 No. 804. E questa corte colla sua sentenza del 20 gennaio, 1880 in re Testaferrata vs Apap (Collez. IX 50 Col. 1a) ebba a riconoscere competente non solo all'erede ma anche al legatario di usufrutto l-azione per la divisione ed assegnazione della quota da essere da lui usfruita (confr. Pure Collez. VIII.614 per l'azione communi dividundo anche tra semplici detentori)."*.

imur kontra l-principju stabbilit fl-Artikolu 906[2]. Dan billi jhalli gidu f'uzufruttt, u b'dan il-mod ikun qieghed jaghti lok ghal xi haga li l-ligi ma tridx. F'dan il-kuntest ukoll il-qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-konvenuti.

4. Hi kwistjoni ohra x'isir mill-uzufrutt meta ssir il-qasma, fis-sens jekk il-qasma ghandix effett fuq l-uzufrutt. Il-modi ta' akkwist ta' l-uzufrutt huma:

a. Bis-sahha tal-ligi;
b. Att volontarju tramite negozju guridiku, u dan jista' jkun kemm b'att b'titolu gratuwitu bhal donazzjoni u testment, kemm b'att oneruz.
c. Preskrizzjoni akkwizittiva (ara per ezempju Baudry Lacantinerie, *Trattato di Diritto Civile, Dei Beni* pagna 317.).

Hu fatt maghruf li uzufruttwarju ma jistax jigi spoljat mill-proprjetarju minn dan id-dritt reali. Bhal kull proprjetarju iehor jista' jiddisponi mill-uzufrutt, kemm b'titolu gratuwitu u wkoll titolu oneruz, kemm favur in-nuda proprjetarju jew terzi. Jista' wkoll jabbanduna l-uzufrutt b'mod gratuwitu.

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2009, id-difensur tal-atturi ddikjarat li *"....l-attrici m'hijiex tippretendi li l-proprjeta' li ghandha tinqasam bejn il-kondividenti tibqa' soggetta ghall-uzufrutt izda trid li jinghata valur ta' dan l-uzufrutt u l-attrici tibqa' soggetta ghall-uzufrutt u l-attrici tiehu s-sehem spettanti lilha bhala uzufrutt fi proprjeta', jekk hu possibbli, u alternattivament fi flus."*. Id-difensur ta' l-atturi ghamlet riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Rita Desira et vs Mary Caruana et**[3] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005: *"L-iskop tad-divisjoni u tal-licitazzjoni hi biex il-proprieta' tghaddi in piena proprjeta' f'idejn l-akkwirrenti,* ***u kwindi l-uzufrutt ghandu jigi terminat billi l-istess uzufrutt jinghata valur u, mat-terminazzjoni tal-uzufrutt, l-uzufruttwarju jigi kkumpensat bil-hlas ta' dak il-valur****. L-iskop tad-divizjoni tigi mxejna jekk, wara l-*

---

[2] *"Tista' dejjem tintalab il-qasma tal-wirt, ghalkemm it-testatur ikun ipprojbiha."*.
[3] Imhallef Tonio Mallia.

*qasma, l-uzufrutt jithalla jissustixxi b'mod li l-uzufruttwarju jibqa' jkollu l-amministrazzjoni tal-proprjeta'issa diviza u jkun jista', per ezempju, jikri l-istess proprjeta' lill-terzi, bi hsara tal-proprjetarji issa assoluti tal-fondi."*. Interessanti kif fil-kawza fl-ismijiet **Francesco Abela vs Annetta Micallef et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 1912 (Vol. XXI.ii.411). F'dik il-kawza l-konvenuta kienet argumentat li f'kaz ta' bejgh ta' fond b'licitazzjoni ta' immobbli li parti minnu hu soggett ghall-uzufrutt, l-akkwirent jakkwista l-fond soggett ghall-uzufrutt (Artikolu 383 tal-Kodici Civili). Il-qorti irragunat li: *"Atteso che, scopo della licitazione essendo la cessazione della comunione, tale rimedio fa anche cessare l'usufrutto costituito sopra una parte dello stesso fondo, perche' altrimenti il godimento di esso continuerebbe ad essere comune tra l'usufruttuario di tale parte e l'acquirente."*. Pero' dak il-kaz kien jittratta bejgh b'licitazzjoni u mhux kaz fejn il-qasma saret billi l-kondividenti rcevew sehemhom in-natura.

Min-naha l-ohra l-ligi tipprovdi espressament f'liema kazijiet jispicca l-uzufrutt (ara Artikolu 378 tal-Kodici Civili). Jista' wkoll ikun hemm kazijiet ohra bhal:- rinunzja ghall-uzufrutt, telf ta' uzufrutt minhabba li terza persuna tkun akkwistat l-uzufrutt bil-preskrizzjoni akkwizittiva, uzufrutt li jkun soggett ghal kondizzjoni rizoluttiva, estinzjoni minhabba rizoluzzjoni *ex antiqua causa* tad-dritt ta' min ta dan il-jedd reali (bhal meta l-uzufrutt inghata minn proprjetarju li sussegwentement ikollu annulat it-titolu li bih ikun akkwista). Fil-fehma tal-gurista Laurent, divizjoni ma jistax ikollha effett hlief fuq in-nuda proprjeta'[4]. Madankollu, fil-fehma tal-qorti l-kwistjoni dwar x'jigri mill-uzufrutt f'kawza ta' divizjoni, hi materja li timmerita approfondiment fl-istadju li ser jigi trattat il-meritu. Ghalkemm waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenuti argumenta li l-attrici Carmela Galea ma ghamlitx talba ghal likwidazzjoni ta' l-uzufrutt, din m'hijiex il-meritu ta' l-

[4] *"L'usufrutto infatti puo' gravare su tutti I beni da dividere, cioe' su tutte non e ne concettualmente ne praticamente ostacolata. Del resto, anche se la divisione ha per oggetto un unico bene non puo pregiudicare il diritto di usufrutto, che continuera' comunque a gravare sul bene comune."* (*La divisione degli immobili ereditari*, G. Bordolli u G. Di Rago (Halley Editrice, 2006).

eccezzjoni preliminari li qeghda tigi deciza permezz ta' din is-sentenza preliminari. Eccezzjoni li hi limitata ghal kwistjoni dwar jekk tistax tintalab qasma ta' beni u wirt meta l-wirt hu soggett ghall-uzufrutt, in kwantu l-konvenuti jsostnu li kull kondivident ghandu jinghata sehemu fi piena proprjeta' u tgawdija.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------